IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 16.12.2008
KUMM(2008) 874 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

DWAR ID-DIMENSJONI ESTERNA TAL-ISTRATEĠIJA TA' LIŻBONA GĦALL-IŻVILUPP U L-IMPJIEGI:

Rapport dwar l-aċċess għas-suq u d-definizzjoni għal qafas favur kooperazzjoni regolatorja internazzjonali aktar effettiva

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

DWAR ID-DIMENSJONI ESTERNA TAL-ISTRATEĠIJA TA' LIŻBONA GĦALL-IŻVILUPP U L-IMPJIEGI:

Rapport dwar l-aċċess għas-suq u d-definizzjoni għal qafas favur kooperazzjoni regolatorja internazzjonali aktar effettiva

1. INTRODUZZJONI

Is-swieq miftuħa huma importanti. Dawn joħolqu opportunitajiet għall-iżvilupp, l-impjiegi u l-investiment. Huma importanti kemm għan-negozji tal-UE kif ukoll għal dawk fl-ekonomiji żviluppati u li qed jiżviluppaw madwar id-dinja. Swieq miftuħa huma ta' importanza partikolari għall-UE billi din hi l-akbar entità kummerċjali fid-dinja. Jeżisti riskju li l-kriżi finanzjarja u ekonomika li għaddejja se twassal għal aktar protezzjoniżmu. Hu importanti li wieħed jitgħallem mill-passat u li jwieġeb dawn it-tendenzi. Fil-laqgħa reċenti tagħhom f'Washington, il-Kapijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet tal-G20 enfasizzaw b'mod ċar it-twettiq sħiħ tal-potenzjal tal-aġenda kummerċjali[1].

F'dan il-kuntest, it-tneħħija tal-ostakoli kummerċjali li għadhom jeżistu – l-ewwel u qabel kollox permezz tal-konklużjoni b'suċċess u ħafifa tar-Rawnd ta' Doha ta' djalogi kummerċjali dinjin, iżda wkoll permezz ta' approwċis bilaterali u reġjonali – takkwista aktar importanza biex jinħall il-potenzjal kummerċjali u l-iżvilupp, b'mod partikolari għall-SMEs li jammontaw għal aktar minn 99% tal-intrapriżi u 67% tal-impjiegi fis-settur privat. Konverġenza u kooperazzjoni fil-qasam regolatorju, inklużi fis-settur finanzjarju, jistgħu jkunu strumenti effettivi għas-servizz tal-istabbiltà internazzjonali u għat-titjib tal-opportunitajiet kummerċjali.

L-istrateġija Dinjija Ewropea, li tnediet fit-tmiem tal-2006[2], hi parti essenzjali tal-pilastru estern tal-Istrateġija tal-Liżbona għall-iżvilupp u l-impjiegi tal-Unjoni Ewropea u tiddefinixxi aġenda ambizzjuża biex jinfetħu s-swieq l-aktar importanti, b'mod partikolari fl-Ażja. Pass deċiżiv lejha ttieħed minn April 2007 permezz tal-Istrateġija ddefinita mill-ġdid tal-UE għall-Aċċess tas-Swieq[3]. L-importanza ta' dawn l-isforzi biex jinfetħu swieq kienet rikonoxxuta s-sena l-oħra fir-Rapport dwar l-Istrateġija ta' Liżbona tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa[4], u kkonfermata mill-mexxejja Ewropej, li pproponew li jirrapportaw ta' kull sena dwar l-aċċess għas-suq, billi jidentifikaw il-pajjiżi u s-setturi fejn għad baqa' ostakoli sinifikanti.

---

1 Il-Kapijiet tal-Istati u l-Gvernijiet tal-G20 ftiehmu fil-15 ta' Novembru 2006 biex fit-12-il xahar li ġejjin ma joħolqux ostakoli ġodda għall-investiment jew għall-kummerċ ta' prodotti u ta' servizzi u biex fl-2008 jiftiehmu dwar il-modalitajiet li jwasslu għal konklużjoni b'suċċess tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha tad-WTO b'riżultati ambizzjużi u bbilanċjati.

2 COM(2006) 517, 4.10.2006.

3 COM(2007) 183, 18.4.2007.

4 COM(2007) 803, 11.12.2007.

Kienu ddefiniti żewġ punti prinċipali:

- L-UE għandha tuża l-istrumenti kollha tagħha biex tiżgura li żżomm il-ftuħ tagħha u biex iżżid l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi għall-kumpaniji tagħha.

- L-UE għandha ttejjeb id-djalogi strateġiċi tagħha ma' pajjiżi terzi importanti u tiżviluppa soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku, tippromwovi standards ogħla u aktar konverġenza regolatorja.

Il-pjan ta' fejqan Ekonomiku Ewropew adottat fis-26 ta' Novembru 2008 mill-Kummissjoni Ewropea[5] jikkonferma dawn l-għanijiet u ppropona azzjonijiet konkreti biex jinżamm u jiżdied il-ftuħ tas-suq u biex ikunu appoġġati l-impjiegi[6], f'dawn iż-żminijiet diffiċili ta' kriżi ekonomika. L-aċċess imtejjeb għas-suq u l-konverġenza u l-kooperazzjoni regolatorji huma elementi prinċipali ta' dan il-pjan. Fil-kuntest ekonomiku attwali, l-isforzi lejn konverġenza regolatorja fis-setturi finanzjarji saru indispensabbli.

Din il-Komunikazzjoni tipprovdi l-ewwel rapport dwar l-Aċċess għas-Suq, u tipproponi kif l-Unjoni tista' twettaq bl-aħjar mod l-għan tagħha ta' ftuħ intern u estern, u b'mod speċjali kif hi tista' tiżgura aċċess ġust u miftuħ għal dawk is-swieq ta' pajjiżi terzi li jfissru ħafna għall-kummerċ tal-UE, inkluż permezz ta' kooperazzjoni regolatorja.

Dan hu pass ieħor 'il quddiem fl-iżvilupp ta' dimensjoni esterna aktar qawwija tal-Istrateġija ta' Liżbona għall-iżvilupp u l-impjiegi wara l-2010. Dan se jistrieħ fuq il-kontribuzzjoni ta' oqsma oħra tal-politika ta' Liżbona u se jindirizza l-irbit bejn il-politiki interni u esterni li qed jiġu segwiti u li kienu wkoll enfasizzati mir-Reviżjoni tas-Suq Uniku[7] u l-Aġenda Soċjali mġedda[8].

2. OSTAKOLI MHUX TARIFFARJI GĦALL-KUMMERĊ

2.1. In-natura li tinbidel tal-ostakoli għall-kummerċ

Filwaqt li tariffi għolja mal-fruntieri għadhom ixekklu l-kummerċ f'ċerti setturi u għandhom jiġu ttrattati b'mod multilaterali u bilaterali, l-ostakoli mhux tariffarji fis-swieq tas-soċji kummerċjali tagħna qed isiru aktar importanti. Tnaqqis b'suċċess ta' tariffi jista' jispiċċa bla sens jekk ostakoli mhux tariffarji (NTBs) ifixklu l-aċċess tal-kumpaniji Ewropej għas-suq jew iżidu b'mod sinifikanti l-ispiża tal-esportazzjonijiet tagħhom[9]. Ir-rapport dwar il-Kompetittività tal-2008[10] wera li l-kumpaniji tal-UE jqisu li l-NTBs u n-nuqqas ta' informazzjoni (pereżempju nuqqas ta' tagħrif dwar is-swieq tal-esportazzjoni) qed isiru aktar

---

5 COM(2008) 800, 26.12.2008.

6 Fl-Aġenda Soċjali rinnovata - COM(2008) 412 -, il-Kummissjoni kienet diġà enfasizzat li kienet se tagħti aktar attenzjoni għas-sensibilizzazzjoni tal-politiki soċjali esterni tagħha u l-impatti soċjali tal-politiki interni tagħha fil-livell dinji.

7 COM(2007) 724, 20.11.2007.

8 COM(2008) 412, 2.7.2008

9 L-ispejjeż ġenerali ta' Ostakoli Mhux Tariffarji għall-operaturi Ewropej fiċ-Ċina biss ġew ikkalkolati għal EUR 21.4 biljun. Ara http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2007/february/tradoc _133299.pdf

10 COM(2008) 774 u SEC(2008) 2853.

importanti mir-restrizzjonijiet tradizzjonali tal-politiki kummerċjali tat-tariffi u tad-dazji fuq l-importazzjonijiet[11].

L-**ostakoli mhux tariffarji l-aktar frekwenti** huma kemm il-proċeduri ta' piż tad-dwana kif ukoll ir-regoli u l-prattiki diskriminatorji ta' taxxi, ir-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS), ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-materja prima, il-protezzjoni ħażina/u jew ir-rinforzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-ostakoli għall-kummerċ ta' servizzi u ta' investiment dirett barrani, ir-regoli pubbliċi restrittivi u/jew mhux trasparenti kif ukoll l-użu abbużiv ta' strumenti għad-difiża kummerċjali jew l-użu mhux ġust ta' sussidji.

Madankollu, l-indirizzar ta' dawn l-ostakoli hu kkomplikat, teknikament ta' sfida u jieħu ħafna ħin. It-tweġiba għall-ostakoli mhix daqshekk faċli. Din tiddependi ħafna minfejn l-ostakoli joriginaw u jekk dawn humiex ta' piż iżda skont miri leġittimi jew jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala miżuri mhux iġġustifikati. B'mod ġenerali hemm żewġ tipi ta' ostakoli. Xi wħud minn dawn l-ostakoli sempliċiment jirriżultaw minn diffikultajiet pereżempju fl-approwċ regolatorju u fl-għanijiet differenti fl-oqsma soċjali, ta' xogħol, ambjent, saħħa pubblika u konsumaturi. Oħrajn jintużaw b'mod aktar sistematiku bl-effett li jiffavorixxu jew jipproteġu l-produzzjoni domestika, pereżempju standards speċjali, rekwiżiti ta' ttestjar jew ħtiġijiet eċċessivi ta' dokumentazzjoni. Filwaqt li dawn tal-aħħar jinħtiġilhom tweġiba qawwija u ffokata mill-UE, bl-użu ta' strumenti aktar assertivi, tal-ewwel jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' kooperazzjoni u djalogi aktar sistematiċi u f'tul twil ta' żmien. Dan hu, b'mod speċjali, utli fil-qasam tad-differenzi regolatorji.

2.2. Eżempji ta' ostakoli li jħabbtu wiċċhom magħhom l-esportaturi Ewropej

Għadd li qed jiżdied ta' tneħħijiet b'suċċess ta' ostakoli qed juri li l-approwċ strateġiku ddefinit fl-Istrateġija għall-Aċċess tas-Swieq tal-Kummissjoni hu effettiv. Madankollu, l-ostakoli sinifikanti li baqa' fis-swieq li huma l-mira prinċipali tal-UE juru l-potenzjal għal aktar titjib fl-aċċess tas-suq u jeħtieġu azzjonijiet iffokati.

Ostakoli mhux tariffarji fil-qasam tal-prodotti

Fil-qasam tal-kummerċ tal-prodotti, differenzi fir-regolamenti jistgħu joħolqu tfixkil għall-aċċess tas-suq billi dawn jistgħu jikkawżaw spejjeż addizzjonali lill-manifatturi, pereżempju meta l-prodotti jkollhom jiġu ttestjati f'laboratorji indipendenti u ċċertifikati fis-suq li lejh immirati qabel ma dawn ikunu jistgħu jinbiegħu, jew verżjonijiet speċjali ta' prodotti jkollhom jiġu żviluppati biex jikkonformaw ma' regolamenti tekniċi ddettaljati. Dan ifisser li **trasparenza u previdibilità** ta' sistemi regolatorji huma ta' importanza primarja għal kumpaniji attivi f'pajjiżi terzi. L-azzjoni tal-UE favur kooperazzjoni u konverġenza regolatorja f'dan il-qasam jikkonċentra fuq l-indirizzar tat-tieni kategorija ta' ostakoli enfasizzati hawn fuq.

L-eżempji li ġejjin, meħudin mis-setturi li ekonomikament huma importanti għall-UE, jagħtu eżempji ta' oqsma potenzjali li fihom tista' tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu indirizzati ostakoli kummerċjali sinifikanti[12].

---

11 Għalkemm dawn ir-riżultati japplikaw b'mod ġenerali għas-setturi kollha ta' attività kkunsidrati fl-analiżi, għal setturi u pajjiżi partikolari t-tariffi tal-importazzjoni għadhom xkiel kbir għall-intrapriżi Ewropej li jesportaw lejn pajjiżi barranin.

12 Ara r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni tal-UE fl-ekonomija dinjija, Ottubru 2008 http://trade.ec.europa.eu/doclib/html/141196.htm

Fir-rigward tas-**settur tal-karozzi** (inklużi l-parts ta' karozza bħat-tajers) qed jiġu ffaċċjati ostakoli prinċipali relatati mal-istandards, pereżempju fil-Brażil, fiċ-Ċina, fl-Indja, fit-Tajwan, fil-Korea u fl-Indonežja. Is-**settur tal-kimika** qed jiffaċċja ostakoli kbar fl-esportazzjonijiet fl-Ażja, u b'mod partikolari fiċ-Ċina (pereżempju fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' ċerti kimiċi u tal-applikazzjoni ta' proċeduri fastidjużi għall-importazzjoni.) Barra minn hekk, affarijiet oħra li jirritaw fil-kummerċ tal-kimika jinkludu l-ħruġ mid-dwana u n-nuqqas tat-trasparenza fil-qasam regolatorju.

Għall-farmaċewtiċi, l-aċċess għas-suq fi swieq potenzjalment importanti bħaċ-Ċina, il-Korea, it-Tajwan, il-Ġappun, ir-Russja, u diversi pajjiżi tal-ASEAN qed ikun imxekkel b'mod serju b'miżuri li jirrigwardjaw il-proċeduri ta' reġistrazzjoni (inklużi l-istandards, l-approvazzjoni, l-arranġamenti għal-liċenzji, il-garanziji finanzjarji u l-ittestjar), ir-rimborż u l-prezzijiet ta' prodotti importati u n-nuqqas ta' protezzjoni suffiċjenti għad-dejta. Għall-**apparat mediku**, in-nuqqas ta' allinjament mal-linji gwida u l-prattiki internazzjonali mit-Task Force għall-Armonizzazzjoni Globali (GHTF) jew id-differenzi fil-prattiki regolatorji ta' pajjiżi bħall-Brażil, l-Indja, il-Ġappun, iċ-Ċina, it-Tajwan u l-Korea huma ta' ostakolu prinċipali biex jixxekkel il-kummerċ. Fil-każ tal-apparat mediku, id-dewmien fir-registrazzjoni tal-prodotti huma preokkupazzjoni serja oħra.

Orizzontalment, diversi taqsimiet importanti (b'mod partikolari tal-elettriku, l-elettronika u l-ICT, tal-karozzi, il-makkinarju u l-industrija tal-ġugarelli) huma kkonċernati mis-Sistema Ċiniża ta' Ċertifikazzjoni Obbligatorja (CCC), li toħloq piż serju, sproporzjonat fuq l-esportaturi tal-UE. Barra minn hekk, firxa wiesgħa ta' prodotti tal-IT hi kkonċernata mill-abbozz ġdid ta' leġiżlazzjoni Ċiniża dwar l-istandards ta' sigurtà. Fi swieq terzi oħra, l-esportazzjonijiet Ewropej ta' **tagħmir elettroniku u tal-elettriku**, qed jiffaċċjaw ukoll ostakoli sinifikanti fil-Korea u l-Istati Uniti, fejn l-istandards tal-prodotti mhumiex dejjem allinjati mal-istandards internazzjonali. Fl-Istati Uniti, regolamenti tekniċi diverġenti u standards fil-livelli federali, reġjonali u statali jkomplu anki jaqsmu aktar lis-suq.

L-akbar impediment għall-**esportazzjonijiet tal-prodotti agrikoli tal-ikel** hu rrappreżentat minn miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS), li f'ċerti setturi jikkostitwixxu ostakoli sinifikanti f'diversi swieq ta' esportazzjoni importanti. Ħafna pajjiżi terzi inklużi swieq prinċipali fl-Ażja, fl-Ewropa tal-Lvant, fil-Mediterran u fl-Lvant Nofsani, kif ukoll fl-Amerki, jissettjaw standards li jmorru lil hinn mill-istandards internazzjonali mingħajr ma jipprovdu l-evidenza xjentifika meħtieġa. Dawn l-ostakoli qed isiru aktar diffiċli biex jintrebħu meta l-pajjiżi mhumiex membri tad-WTO u b'hekk mhumiex marbuta b'regoli multilaterali li jipprojbixxu miżuri u prattiki diskriminatorji u li ma għandhomx bażi xjentifika. Kull diffikultà oħra tinħoloq mill-iffissar ta' standards privati, li kull ma jmur qed isiru ostakolu aktar importanti fil-qasam tal-SPS.

Rigward **aċċess ġust għall-materja prima** li fuqha l-industrija Ewropea tiddependi ħafna, għadd li dejjem qed jiżdied ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijet, bħalma huma d-dazji u l-kwoti, qed ixekklu l-prestazzjoni kompetittiva tal-industrija tal-UE (aktar minn 400 linja ta' prodotti li jikkonsistu f'diversi materja prima jikkonċernaw pajjiżi bħaċ-Ċina, ir-Russja, l-Urkraina, l-Arġentina, l-Afrika t'Isfel u l-Indja[13].

Fuq bażi transversali, kemm **it-toqol tal-proċeduri tad-dwana** kif ukoll ir-rekwiżiti eċċessivi tad-dokumentazzjoni u tar-reġistrazzjoni jikkostitwixxu problemi sinifikanti għall-

[13] COM(2008) 699, 4.11.2008.

esportaturi tal-UE f'firxa wiesgħa ta' swieq importanti ta' esportazzjoni. Dan jista' jkun il-każ potenzjali tal-leġiżlazzjoni li qed tiġi proposta mill-Istati Uniti dwar l-iskanjar ta' 100% tal-kontejners, minħabba preokkupazzjonijiet ta' sigurtà nazzjonali.

Ostakoli relatati mas-servizzi u l-istabbiliment

Il-kummerċ f'servizzi u l-investiment dirett barrani (FDI) għandu rwol importanti fl-ekonomija dinjija. Bħala l-akbar esportatur fid-dinja ta' servizzi kummerċjali u sors prinċipali ta' investiment dirett barrani, l-UE għandha interess ovvju li jitjieb l-aċċess tagħha għas-swieq barranin u biex jinħall il-potenzjal sħiħ tas-saħħa interna tal-UE fis-servizzi u fl-istabbiliment. Dan hu wkoll ta' spiss fl-interess dirett tas-soċji tagħna. Dawk li jfittxu li jattiraw l-FDI u li jiżviluppaw l-infrastruttura għandhom ħafna xi jiggwadanjaw mil-liberalizzazzjoni tal-FDI u ta' kummerċ f'servizzi, b'mod partikolari fis-servizzi bħat-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, l-**enerġija (jiġifieri, l-aċċess għar-riżorsi)** u għas-servizzi finanzjarji.

Diversi ostakoli għad-dħul għadhom ixekklu l-kummerċ f'servizzi u huma ta' impediment għall-iżvilupp ekonomiku. L-ostakoli għall-kummerċ f'servizzi jinvolvu ħafna setturi mill-banek sal-kurjer espress. Is-sejba, l-analiżi u t-tneħħija ta' dawn huma ta' spiss aktar komplessi mill-immaniġġjar tal-ostakoli tariffarji u dan għaliex huma jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' regolamenti u kontrolli. L-UE qed taħdem kemm biex jittejjeb il-kummerċ ħieles f'servizzi kif ukoll tal-FDI fil-qafas multilaterali tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ f'Servizzi (GATS) u permezz ta' Ftehimiet Kummerċjali Ħielsa bilaterali.

L-ostakoli prinċipali fil-qasam tas-servizzi u l-istabbiliment huma l-ostakoli tad-dħul bħar-rekwiżiti tan-nazzjonalità, ir-rekwiżiti ta' residenza, il-limiti dwar il-pussess barrani jew il-proprjetà f'ishma, il-limiti dwar it-tip ta' entità legali jew id-dħul soġġett għal test ta' ħtiġijiet ekonomiċi. Ir-restrizzjonijiet fuq l-investiment u l-pussess barrani jeżistu f'maġġoranza ta' swieq ta' interess għall-UE, pereżempju, fil-Brażil, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Indja, u l-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-ASEAN kif ukoll fl-Istati Uniti fejn l-akkwisti minn kumpaniji barranin huma soġġetti għal "proċess ta' analiżi fir-rigward tas-siġurtà nazzjonali" (CFIUS). Is-servizzi finanzjarji, inklużi l-assigurazzjoni, jiltaqgħu ma' ħafna restrizzjonijiet fi swieq bħal dawk tal-Istati Uniti, il-Kanada, il-Brażil, l-Indja, ir-Russja, iċ-Ċina, il-Ġappun, u l-Afrika t'Isfel. Barra minn hekk, jeżistu ostakoli sinifikanti għall-kummerċ f'servizzi f'ħafna setturi u f'ħafna pajjiżi soċji ta' interess għall-kummerċ Ewropew bħalma huma s-servizzi legali, pereżempju, fl-Indja, iċ-Ċina u Singapore, is-servizzi ta' distribuzzjoni fl-Indja, iċ-Ċina u l-pajjiżi tal-ASEAN, is-servizzi postali u tal-kurjers fl-Indja, il-Brażil, iċ-Ċina u l-Eġittu, is-servizzi ta' trasport fil-Brażil u l-Indja kif ukoll fil-Kanada, l-Afrika t'Isfel u Singapore, filwaqt li ostakoli għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet jeżistu fiċ-Ċina, il-Korea, il-Ġappun, l-Indja, il-Messiku u, b'mod kemm kemm anqas, fil-Brażil.

Restrizzjonijiet li jirrigwardjaw l-offerti pubbliċi

Il-valur tal-offerti pubbliċi hu kkalkolat li jilħaq medja ta' 15% tat-total tal-PGD tal-pajjiżi tal-OECD u anki aktar għal pajjiżi li qed jiżviluppaw. Minkejja l-valur għoli tal-offerti pubbliċi, jeħtieġ aktar xogħol biex jiġi promoss aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju. Il-forituri tal-UE jistgħu jistrieħu fuq il-Ftehim dwar l-Offerti tal-Gvern (GPA), li jipprovdi għall-dixxiplini komuni u l-pubbliċità pubblika għall-kuntratti kbar. Filwaqt li l-UE, l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Kanada, il-Korea u ftit pajjiżi oħra ffirmaw il-GPA, u ċ-Ċina applikat biex tissieħeb, ħafna membri oħra tad-WTO ma għamlux dan. Il-Kummissjoni qed tfittex biex tkabbar is-sħubija fl-GPA u qed tinkuraġġixxi b'mod attiv li jissieħbu membri ġodda fid-WTO billi tenfasizza l-benefiċċji ta' swieq għall-offerti miftuħa u kompetittivi u permezz ta' proċeduri aktar attraenti ta' sħubija, b'mod partikolari għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Madankollu, il-kopertura mhix sħiħa u diversi oqsma ta' offerti u entitajiet kontraenti mhumiex marbuta bir-regoli, pereżempju negozji żgħar mhux nazzjonali huma ta' spiss eskluži mill-offerti fl-Istati Uniti, fil-Ġappun u l-Korea fost oħrajn. Fl-istess ħin, is-suq tal-offerti tal-UE stess huwa relattivament miftuħ għall-kompetizzjoni barranija u dan jipprovdi benefiċċji ċari f'dak li jirrigwarda l-valur għall-flus u għażla usa' ta' offerti kompetittivi, iżda jnaqqas il-marġini ta' manuvrar tal-UE biex takkwista swieq ta' offerti barranin.

Ostakoli relatati ma' protezzjoni u inforzar insuffiċjenti tal-IPR

L-industrija Ewropea għadha preokkupata ħafna minħabba l-limitu li bih il-proprjetà intellettwali (IPR) tagħha qed tinkiser f'ċerti reġjuni tad-dinja, permezz ta' nuqqas ta' protezzjoni legali jew ta' rinforzar effettiv. Ostakoli suffiċjenti relatati mal-protezzjoni u r-rinforzar insuffiċjenti tal-IPR, inkluża protezzjoni insuffiċjenti ta' indikazzjonijiet ġeografiċi jibqgħu f'għadd ta' swieq ta' pajjiżi terzi. Problemi tal-IPR ġew identifikati b'mod partikolari fiċ-Ċina, ir-Russja, il-Brażil u diversi pajjiżi tal-ASEAN. F'ċerti każijiet, bħalma hu l-każ tad-disinn industrijali, kooperazzjoni aktar qawwija fil-qasam tal-R&D tista' tiffaċilita r-rinforzar mill-ġdid tal-protezzjoni tal-IPR.

Studju mmexxi mill-OECD fl-2007[14] jissuġġerixxi li l-kummerċ internazzjonali tal-prodotti foloz u ta' prodotti kkuppjati jirrappreżentaw USD 200 biljun fis-sena. Dan l-ammont hu akbar mill-PGD nazzjonali ta' madwar 150 ekonomija. Iċ-ċifra ma tinkludix, madankollu, prodotti foloz u kkuppjati li huma manifatturati u kkunsmati domestikament, u lanqas ma tinkludi prodotti diġitali mhux tanġibbli kkuppjati li jitqassmu permezz tal-internet. L-istudju juri wkoll li, jekk dawn il-prodotti jingħaddu flimkien, l-iskala totali tal-prodotti foloz u kkuppjati mad-dinja kollha tista' bil-wisq tlaħħaq għal diversi mijiet ta' biljuni ta' dollari oħra.

Barra minn hekk, l-istatistika għall-2007 dwar il-ħtif fid-dwana ta' prodotti foloz u kkuppjati fil-fruntiera tal-UE[15] turi li l-ħtif fid-dwana qatt ma kien daqshekk għoli, b'43 000 każ irreġistrat, imqabbel ma' 37 000 fl-2006 - żieda ta' kważi 17%. B'kollox 79 miljun prodott inħatfu mid-dwana fil-fruntiera tal-UE[16]. Hemm żidiet sinifikanti meta mqabbla mal-2006 b'mod partikolari fi prodotti foloz li huma perikolużi għas-saħħa u s-sikurezza: il-prodotti kożmetiċi u ta' kura personali (+264%); il-ġugarelli: (+98%); il-prodotti tal-ikel (+62%); u l-mediċini (+51%). Minbarra d-dimensjoni tas-saħħa u tas-sikurezza, din is-sitwazzjoni toħloq riskju għall-kompetittività tal-UE.

3. IT-TWEĠIBA TAL-UE GĦALL-OSTAKOLI EŻISTENTI

L-Istrateġija Dinjija Ewropea tenfasizza l-ħtieġa għall-swieq interni u esterni miftuħa u l-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għall-kummerċ. Il-kumpaniji Ewropej jinħtiġilhom jikkompetu b'mod ġust fis-swieq barranin. L-Istrateġija għall-Aċċess tas-Suq tiddefinixxi approwċ aktar strateġiku u orjentat fuq ir-riżultat biex jiġu indirizzati ostakoli għall-kummerċ,

---

14 Ara s-Sommarju Eżekuttiv bħala d-dokument DSTI/IND(2007)9/PART4.

15 Ara l-websajt tad-DĠ Taxud fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/statistics/index_en.htm.

16 Ara l-websajt tad-DĠ Taxud fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/statistics/index_en.htm.

billi tuża l-firxa sħiħa tal-istrumenti disponibbli b'mod ikkoordinat, inkluża l-kooperazzjoni mas-soċji kummerċjali tagħna.

Jinħtieġ użu kkoordinat tar-riżorsi u l-istrumenti kollha, u aktar iffokar fuq kwistjonijiet prijoritarji biex jittejjeb aktar il-kummerċ mhux imxekkel u impenn permezz ta' tweġiba b'saħħitha fejn id-drittijiet ta' aċċess għas-suq jiċċaħħdu mingħajr raġuni. Hu ċar li ma nistgħux niddipendu fuq soluzzjoni unika jew mekkaniżmu uniku biex negħlbu l-ostakoli għall-kummerċ. Nistgħu nużaw firxa wiesgħa ta' strumenti, minn dawk formali għal dawk informali, minn negozjati u djalogi għal miżuri diplomatiċi kummerċjali, minn intervenzjonijiet *ad hoc* għal aktar investimenti fit-tul ta' żmien. L-esperjenza tagħna wrietna li biex ikun hemm suċċess l-isfida hi li jitħalltu u jitqabblu dawn id-diversi strumenti.

3.1. In-negozjati ta' ftehimiet kummerċjali

Negozjati ta' ftehimiet kummerċjali huma għodda primarja li tipprovdi aċċess għas-swieq għall-esportaturi tal-UE. Filwaqt li negozjati multilaterali fil-qafas tad-WTO jipprovdu l-opportunità unika li tinvolvu kważi s-soċji kummerċjali tagħna kollha, in-negozjati bilaterali ta' spiss jippermettu impenji aktar komprensivi u profondi. Barra minn dan, il-fatt li jkunu għaddejjin negozjati jista' joħloq skop biex jiġu indirizzati b'suċċess kwistjonijiet kummerċjali li jkunu ilhom jeżistu. Minħabba l-interess reċiproku involut, in-negozjati għas-sħubija fid-WTO urew ukoll li huma għodda utli biex jiġu ttrattati l-ostakoli għall-kummerċ.

Il-konklużjoni rapida tar-**Rawnd ta' Doha** dwar in-negozjati kummerċjali dinjin għandha tirrinforza s-sistema kummerċjali dinjija u r-regoli maħsuba biex jiġi żgurat li s-swieq huma miftuħin u ġusti, kif ukoll tipprovdi aċċess għal swieq ġodda. L-approwċ multilaterali hu kruċjali biex titwettaq sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Ir-rawnd ta' Doha dwar il-kummerċ għandu l-għan li jnaqqas mhux biss it-tariffi bejn il-membri tad-WTO iżda wkoll l-ostakoli mhux tariffarji, pereżempju permezz ta' ftehim għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

Fil-livell bilaterali u reġjonali, l-għan tal-**Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles** (FTA) komprensivi tal-UE, b'mod speċjali ma' soċji kummerċjali importanti fl-Ażja, se jagħti qafas eċċellenti u għodda effettiva biex jittejbu l-opportunitajiet tal-aċċess għas-swieq għan-negozji tal-UE. Minbarra l-eliminazzjoni tat-tariffi, dawn il-ftehimiet jipprovdu possibbiltajiet ġodda biex jiġu ttrattati l-ostakoli mhux tariffarji u mhux ġustifikati għall-kummerċ. Elementi innovattivi huma b'mod partikolari regoli stretti li jindirizzaw b'mod dirett l-ostakoli mhux tariffarji f'ċerti setturi; mekkaniżmu mkabbar ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni dwar Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) u l-miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), l-inklużjoni ta' kapitolu dwar l-aċċess tas-suq tas-servizzi u l-investimenti, l-offerti pubbliċi u l-kompetizzjoni, inklużi s-sussidji, it-tisħiħ tal-protezzjoni u l-inforzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (inklużi l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi), u kapitolu dwar id-dwana u l-faċilitazzjoni kummerċjali. Barra minn hekk, f'livell orizzontali, mekkaniżmu ta' medjazzjoni għall-NTBs għandu jikkomplementa d-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni għat-tilwim u l-impenji dwar l-istandards tax-xogħol u ambjentali sabiex jiġi promoss żvilupp sostenibbli. Għandu jkun previst monitoraġġ qawwi tal-implimentazzjoni effettiva tal-FTAs sabiex jiġi żgurat li l-impenji tas-soċji tal-UE jitwettqu b'mod effettiv.

3.2. Relazzjonijiet bilaterali

L-ostakoli għall-aċċess tas-suq huma wkoll indirizzati b'ħafna modi permezz tal-kuntatti regolari jew aktar *ad hoc* tagħna ma' pajjiżi terzi.

Fuq bażi aktar regolari, id-**djalogi bilaterali**, li fil-biċċa l-kbira tar-relazzjonijiet jindirizzaw firxa wiesgħa ħafna ta' setturi, huma format effettiv u istituzzjonalizzat biex jiġu indirizzati u segwiti b'mod regolari l-ostakoli kummerċjali u kwistjonijiet regolatorji, bil-possibbiltà li tiġi ppreżentata l-kwistjoni fuq livell politiku ogħla, bħal pereżempju l-Mekkaniżmu għad-Djalogu Ekonomiku u Kummerċjali fuq Livell Għoli (HLM) maċ-Ċina u mal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku mal-Istati Uniti. Jistgħu jintużaw ukoll il-laqgħat għolja politiċi bejn l-UE u soċji prinċipali. Dawn id-djalogi huma ferm adattati biex jippromwovu konverġenza regolatorja permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u jistgħu jissaħħu aktar.

Id-**diplomazija kummerċjali assertiva** kemm b'mod ċentrali minn Brussell kif ukoll b'mod lokali fil-pajjiż terz ikkonċernat hi ferm adatta biex tindirizza l-ostakoli fuq bażi *ad hoc* jew bħala intervent speċjali biex tissaħħaħ strateġija fit-tul. Il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-kummerċ fil-Partenarjat għall-Aċċess tas-Swieq għandha tgħin biex jintuża l-potenzjal kollu tal-Kummissjoni u tal-kuntatti bilaterali tal-Istati Membri biex jaġixxu flimkien u jartikulaw b'mod effiċjenti l-interessi tagħna barranin.

Barra minn hekk, l-**Assistenza Relatata mal-Kummerċ** tal-UE għenet ukoll biex jintrebħu jew jitneħħew ostakoli kummerċjali permezz, pereżempju, ta' taħriġ għall-uffiċjali tad-dwana, biex b'hekk tingħata assistenza biex jinħoloq qafas għal proċeduri tad-dwana aktar effiċjenti.

3.3. L-istrumenti formali

Għodda li kulma tmur qed issir aktar importanti biex jiġu ggarantiti opportunitajiet kummerċjali huma l-proċeduri ta' notifika fil-qafas tal-**Ftehim tad-WTO-TBT**[17] **u tal-Ftehim tad-WTO-SPS**[18]. Il-Kumitati tat-TBT u tal-SPS f'Ġinevra jservu bħala pjattaforma ta' konsultazzjoni u negozjar multilaterali għall-membri kollha tad-WTO bl-għan li tiġi monitorizzata u żgurata l-konformità mal-Ftehim tat-TBT u tal-SPS. L-obbligu li jiġu nnotifikati miżuri ġodda lid-WTO jippermetti lis-soċji li jaġixxu fi stadju bikri u li jindirizzaw il-preokkupazzjonijiet. Impenn qawwi u attiv u segwitu hu essenzjali biex tiżdied il-possibbiltà ħalli jiġu evitati ostakoli ġodda għall-kummerċ.

Sakemm ma tinstabx soluzzjoni aċċettata b'mod reċiproku għal irritazzjoni kummerċjali, strumenti formali u li jistgħu jiġu inforzati bħall-proċedura tar-**Regolament dwar l-Ostakoli Kummerċjali (TBR)** tal-UE jew rikors għall-proċeduri tas-**soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO** jistgħu jkunu rimedju effettiv. Ir-Regolament dwar l-Ostakoli Kummerċjali tal-Kummissjoni jipprovdi mekkaniżmu għall-kumpaniji tal-UE biex jaġixxu kontra ostakoli kummerċjali li jaffettwaw l-aċċess tagħhom fis-swieq ta' pajjiżi terzi, billi jitolbu lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-ilmenti u biex tfittex rimedji. Il-Proċedura tas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO hi għodda utli biex jiġu indirizzati ostakoli inkompatibbli mad-WTO u biex tiġi inforzata l-konformità mad-WTO. Barra minn hekk, il-possibbiltà li jiġu indirizzati ostakoli kummerċjali permezz ta' soluzzjoni bilaterali għat-tilwim u ta' mekkaniżmi ta' medjazzjoni, kif previsti fil-ġenerazzjoni ġdida tal-FTAs tagħna, se tkun rimedju importanti u se tgħinna nwettqu aċċess akbar fis-swieq.

3.4. Il-kooperazzjoni regolatorja

L-UE għandha esperjenza twila fil-qasam tal-konverġenza u l-kooperazzjoni regolatorja[19] fis-suq uniku, li nbniet fuq il-pediment ta' regolamenti distinti u nazzjonali. Fl-UE, livell għoli ta' protezzjoni soċjali għall-ħaddiema tagħha, standards għolja ta' sikurezza tal-prodotti għall-merkanziji mibjugħin fis-swieq tagħha, protezzjoni qawwija għall-konsumaturi u leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali ta' eżempju għad-dinja inkoraġġixxew it-twaqqif ta' livelli daqsinsew għolja f'pajjiżi terzi. Għan prinċipali tal-kooperazzjoni regolatorja hu li jiġu promossi standards għolja f'pajjiżi barranin.

Il-kooperazzjoni internazzjonali multilaterali jew bilaterali tgħin jiġu indirizzati ostakoli li mhumiex neċessarji kkawżati minn differenzi fil-prattika regolatorja. Il-kooperazzjoni regolatorja mhux biss tistabbilixxi mekkaniżmu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet regolatorji bilaterali, iżda tgħin biex tinbena relazzjoni bejn ir-regolaturi li twassal għal skambju ta' informazzjoni dwar bidliet regolatorji li jkunu qed jiġu kkunsidrati jew ippjanati (billi tingħata twissija bikrija), kif ukoll bħala l-aħjar prattiki. F'ċerti każijiet il-konveġenza regolatorja tista' tkun is-soluzzjoni adatta. F'każijiet oħra, ir-rikonoxximent reċiproku jew il-ftehimiet ekwivalenti – li xi kultant isegwu ċertu grad ta' konverġenza – jistgħu jkunu aktar adatti. Fil-każijiet kollha, il-viżibilità ta' żviluppi regolatorji simili hi essenzjali biex tiġi megħjuna l-industrija ħalli din tippjana 'l quddiem.

---

17 Il-barrieri tekniċi għall-kummerċ.

18 Sanitarji u Fitosanitarji

19 Fl-indirizzar tal-kooperazzjoni regolatorja din il-Komunikazzjoni qed tiffoka fuq l-aspetti li jirrelataw bl-aktar mod dirett mal-aċċess għas-swieq u mat-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ. Aspetti oħra ta' kooperazzjoni regolatorja jinkludu l-integrazzjoni ekonomika, il-protezzjoni mtejba tal-konsumatur u l-pass lejn regolamenti dinjin.

Id-djalogi bilaterali msemmija fit-taqsima 3.2 huma format effettiv u istituzzjonalizzat biex jiġu indirizzati u segwiti b'mod regolari l-kwistjonijiet regolatorji u l-ostakoli kummerċjali l-oħra.

Ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku (MRA) jagħtu lill-parti li tesporta l-awtorità li tiċċertifika l-prodotti kontra r-rekwiżiti regolatorji differenti tal-parti li timporta, qabel l-esportazzjoni. Fil-qasam tal-SPS, strument komparabbli hu r-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' miżuri tal-pajjiż li qed jesporta mal-miżuri tal-pajjiż li jkun qed jimporta. L-**ACAAs** (Ftehimiet dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' Prodotti Industrijali) jippromwovu konverġenza regolatorja billi jimpenjaw lill-pajjiż soċju – sew fl-appoġġ għall-proċess ta' tkabbir kif ukoll fil-Politika Ewropea tal-Viċinat – biex jiġu adottati aspetti mill-*acquis* Ewropew għall-kummerċ tal-prodotti, u bħala tpattija l-pajjiż soċju jiġi integrat b'mod sħiħ fis-suq uniku Ewropew għall-prodotti simili.

Konverġenza regolatorja u kooperazzjoni ma' pajjiżi ewlenin

Pajjiżi tat-Tkabbir: In-negozjati tas-sħubija mal-Kroazja u t-Turkija għandhom l-għan li jiġi implimentat b'mod sħiħ l-*acquis* Komunitarju fiż-żewġ pajjiżi. L-Unjoni Doganali mat-Turkija hi għodda addizzjonali għall-konverġenza regolatorja aċċellerata. Sett ta' Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (SAA) jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u jipprepara lil dawn il-pajjiżi għal sħubija fil-futur. Il-kooperazzjoni regolatorja qed titkompli permezz ta' dawn il-ftehimiet. Il-kandidati u l-kandidati potenzjali kollha qed jirċievu assistenza sostanzjali Komunitarja mogħtija notevolment permezz tal-komponent tal-"Assistenza Teknika u t-Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet" tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel is-Sħubija (IPA) iżda wkoll permezz tal-programm TAIEX, li jassisti fl-adozzjoni, l-applikazzjoni u l-inforzar tal-acquis Komunitarju (inklużi fl-oqsma tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-offerti pubbliċi, tal-IPR, eċċ.).

Soċji tal-Politika Ewropea tal-Viċinat: Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) għandha l-għan li tintensifika l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi ġirien. Il-kooperazzjoni u l-konverġenza regolatorji huma fil-qalba tal-ENP u huma bbażati fuq il-Ftehimiet ta' Partenarjat u ta' Kooperazzjoni. Kif iddefinit fil-pjan tal-Irkupru Ekonomiku Ewopew, l-integrazzjoni u l-kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi ġirien se jkunu intensifikati b'mod progressiv, inkluż permezz ta' FTAs profondi u komprensivi li jkopru b'mod sostanzjali l-kummerċ kollu u li għandhom l-għan li jintlaħaq l-ogħla grad possibbli ta' liberalizzazzjoni. Il-Partenarjat tal-Lvant tal-ġejjieni se joffri perspettivi reali għat-tisħiħ taċ-ċirkolazzjoni tal-prodotti, il-kapital, il-forniment ta' servizzi u għall-modernizzazzjoni tal-ekonomiji tal-pajjiżi soċji. L-UE u s-soċji tagħha jistgħu jirriflettu fil-ġejjieni dwar approwċ ta' kummerċ reġjonali usa', li joffri aċċess sħiħ lis-suq intern wara l-adozzjoni sħiħa tal-elementi rilevanti kollha tal-*acquis* tal-UE. L-ewwel eżempju ta' dan l-approwċ hu l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u tal-FTA li qed jiġi nnegozjat mal-Ukraina. Għall-viċinat tan-Nofsinhar, il-kooperazzjoni hi bbażata fuq Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-kooperazzjoni regolatorja msaħħa hi komponent essenzjali biex ikunu approfonditi r-rabtiet kummerċjali tagħna mal-pajjiżi tal-Euromed bl-għan li tiġi stabbilita żona ta' kummerċ ħieles. Ultimament, l-għan hu li jitwettaq spazju ekonomiku komuni għall-pajjiżi kollha fi ħdan il-politika Ewropea għall-Viċinat.

L-Istati Uniti: hu s-soċju l-aktar importanti tal-UE. Kooperazzjoni qawwija u, fejn possibbli, konverġenza tal-approwċis regolatorji huma ta' strateġija essenzjali u ta' importanza ekonomika. Din tapprofondixxi s-suq transatlantiku u tista' tippromwovi l-iżvilupp tal-istandards globali u tar-regolamenti. Għal dan l-għan il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku (TEC) twaqqaf fl-2007 bħala entità politika ta' livell għoli li tagħti impetu politiku għall-

inizjattivi li l-għan tagħhom hu li jinħoloq suq transatlantiku mingħajr ostakoli u li jappoġġaw firxa ta' djalogi settorjali regolatorji. Hu jrawwem kooperazzjoni minn qabel għall-konverġenza regolatorja u r-riżoluzzjoni ta' oskakoli/piżijiet li jinqalgħu bħala konsegwenza għall-kummerċ fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Fost is-suċċessi tiegħu hemm is-simplifikazzjoni amministrattiva sinifikanti għall-industrija tal-farmaċewtiċi u l-ekwivalenza tal-istandards tal-kontabilità.

Iċ-Ċina: Il-"Mekkaniżmu ta' Konsultazzjoni dwar il-Prodotti Industrijali u d-WTO/TBT" jippromwovi komprensjoni u trasparenza reċiproka fil-progressi regolatorji tagħna. Fost is-suċċessi tiegħu hemm is-simplifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-proċeduri għall-apparat mediku. Il-kwistjonijiet regolatorji jistgħu jitqajmu wkoll fil-kuntest tal-HLM bejn l-UE u ċ-Ċina li tindirizza kwistjonijiet ta' natura strateġika bl-għan li jitwettqu riżultati konkreti. L-UE biħsiebha żżomm u tiżviluppa aktar il-mekkaniżmu eżistenti tad-djalogu ta' livell għoli u d-djalogi dwar il-politika industrijali u dak regolatorju settorjali bl-għan li jkun iggarantit aċċess ġenwin għas-suq Ċiniż u s-sikurezza tal-konsumaturi għaż-żewġ partijiet.

Ir-Russja: It-tneħħija ta' ostakoli regolatorji ta' piż u ineffiċjenti jiffaċilita enormement ir-relazzjoni ekonomika u notevolment irawwem ukoll aċċess għas-suq Russu għan-negozji Ewropej. Għalhekk, jeżisti interess reċiproku li tiġi żgurata l-konverġenza tar-regolamenti tal-UE u dawk Russi. Kooperazzjoni regolatorja mar-Russja attwalment qed issir fil-kuntest tal-Ispazju Ekonomiku Komuni u ġew stabbiliti għadd ta' djalogi regolatorji speċifiċi f'ħafna oqsma ta' politiki. Filwaqt li f'ċerti oqsma twettaq progress sinfikanti, f'għadd ta' oqsma oħra l-kooperazzjoni jinħtiġilha tkun aktar enfasizzata u tkun aktar operattiva. Jeżisti potenzjal kbir li għandu mhux użat fir-relazzjoni ekonomika bejn l-UE u r-Russja. Is-sħubija tar-Russja fid-WTO u l-impenji Russi tal-ġejjieni bħala membru tad-WTO se jgħinu aktar biex jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet. Il-kooperazzjoni regolatorja hi għan essenzjali għall-UE li se tkun qed tindirizza fin-negozjati li għaddejjin qafas legali ġdid bejn l-UE u r-Russja.

Il-Ġappun: L-NTBs huma l-akbar problemi fir-relazzjonijiet ekonomiċi tagħna. Għadd ta' djalogi jeżistu bejn l-UE u l-Ġappun, inkluż id-Djalogu dwar ir-Riforma Regolatorja. Hemm ħafna x'jintrebaħ bit-tkomplija tad-diskussjonijiet mal-Ġappun dwar firxa wiesgħa ta' interessi settorjali. Minħabba l-importanza ekonomika tagħha l-kooperazzjoni regolatorja mal-Ġappun għandha tiżdied.

Il-Kanada: Bħala parti minn ftehim ġdid b'firxa wiesgħa li jkopri l-kummerċ u l-investiment, il-kooperazzjoni regolatorja għandha tiġi żviluppata u intensifikata. Il-kooperazzjoni mal-Kanada għandha tikkunsidra l-kooperazzjoni regolatorja mal-Istati Uniti wkoll, sabiex ir-riżultat aħħari jkun konverġenza trilaterali ta' regolamenti.

3.5. Il-Partenarjat għall-Aċċess tas-Suq

Biex jissaħħaħ l-użu sħiħ ta' dawn l-instrumenti u biex jiġu komplementati d-diversi sforzi tagħna biex jitneħħew l-ostakoli għal kummerċ, l-Istrateġija għall-Aċċess tas-Suq stabbilixxiet Partenarjat ġdid, aktar b'saħħtu bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-kummerċ biex jinġabru flimkien ir-riżorsi disponibbli kollha u l-kompetenzi biex jinkixfu, jiġu analizzati u jitneħħew l-ostakoli. Dan kien appoġġat b'mod qawwi mill-Parlament Ewropew[20] u mill-Kunsill[21]. Laqgħat ta' kull xahar tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Aċċess

[20] Ir-Rapport dwar l-istrateġija tal-UE biex jitwassal aċċess għas-suq lill-kumpaniji Ewropej (2007/2185 (INI)), 7.1.2008, ref. A6-0002/2008, RR\396713EN.doc, PE396.713v02-00

għas-Suq (MAAC) saru l-punt ta' konverġenza għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-kummerċ, appoġġat minn gruppi ta' esperti speċifiċi biex jiġu indirizzati każijiet, setturi u reġjuni speċifiċi[22]. Barra minn hekk, Timijiet lokali għall-Aċċess tas-Suq ġew stabbiliti fil-parti l-kbira tas-swieq għall-esportazzjoni prinċipali tal-UE, li ġabru flimkien il-kompetenzi u l-impenn tad-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-Ambaxxati tal-Istati Membri u tar-rappreżentanzi kummerċjali tal-UE. Ix-xogħol ta' dawn it-Timijiet lokali għall-Aċċess tas-Suq hu b'mod speċjali ta' valur biex ma jħallix li jkun hemm ostakoli permezz ta' "mekkaniżmu ta' twissija bikrija" qawwi, li jissorvelja l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ospitanti u jipprovdu t-tagħrif u l-kuntatti meħtieġa. Barra minn hekk, dawn wasslu għall-kompetenzi akbar fl-applikazzjoni ta' każijiet individwali, minħabba t-tagħrif dwar il-kundizzjonijiet lokali. Barra minn hekk, huma għandhom rwol importanti fil-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-kummerċ fil-post, billi jiffaċilitaw it-tlissin effettiv tal-preokkupazzjonijiet kummerċjali tagħna b'vuċi waħda.

Fl-aħħar nett, biex iżżid l-importanza tagħha l-Kummissjoni saħħet il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ta' aċċess għas-swieq ta' preokkupazzjoni komuni – b'mod partikolari mal-Istati Uniti u l-Ġappun, kemm bi qsim ta' informazzjoni kif ukoll permezz ta' azzjonijiet ikkoordinati komuni u flimkien.

4. IT-TRIQ LI RRIDU NIEĦDU

L-istrumenti kollha identifikati hawn fuq għandhom jintużaw biex jiġi żgurat li jinżamm il-ftuħ tal-UE u li dan jikkorrispondi ma' aċċess miżjud għas-swieq ta' pajjiżi terzi għall-kumpaniji Ewropej. Fil-kuntest tal-Istrateġija għall-Aċċess tas-Swieq il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-kummerċ jinħtiġilhom ikomplu bl-impenn attiv tagħhom biex jiżguraw li l-Unjoni Ewropea taġixxi b'mod koerenti f'pajjiżi terzi u tlissen l-interessi tagħha b'mod effiċjenti f'pajjiżi barranin.

Dan isir anki aktar importanti fl-isfond tal-ambjent ekonomiku attwali, fejn id-dimensjoni esterna tal-Istrateġija ta' Liżbona tinħtieġ tagħti sehemha f'impenn ogħla b'konverġenza fuq l-impjiegi u l-iżvilupp.

Lil hinn mill-isforzi tagħna lejn konklużjoni rapida għar-rawnd ta' Doha u lejn it-tlestija ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ambizzjużi, se ssir enfasi qawwija fuq:

- L-attivitajiet għall-aċċess tas-swieq **relatati mas-setturi b'potenzjal għoli ta' tkabbir** fil-ġejjieni, bħall-karozzi, il-farmaċewtiċi, il-kimiki, l-elettronika, il-makkinarju u l-prodotti ambjentali kif ukoll is-**servizzi, l-istabbiliment u l-offerti pubbliċi**. Għas-servizzi, il-gruppi ta' ħidma (li bdew bil-kurjer postali u s-servizzi ta' distribuzzjoni) twaqqfu reċentement biex jindirizzaw ostakoli prinċipali fis-swieq, li joffru opportunitajiet sinifikanti lill-provvedituri tas-servizzi tal-UE.

- Il-**protezzjoni u l-inforzar tal-IPR** f'pajjiżi terzi permezz ta' konklużjonijiet b'suċċess ta' ftehimiet bilaterali b'dispożizzjonijiet iddettaljati dwar l-IPR, b'mod partikolari dwar l-inforzar, l-intensifikazzjoni ta' kooperazzjoni bilaterali u tad-djalogi, u l-programmi ta' kooperazzjoni teknika b'mod partikolari fiċ-Ċina u l-pajjiżi tal-ASEAN. Pjan ta' Azzjoni

---

21 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill (GAERC) tal-18 ta' Ġunju 2007, Dokument 10542/07

22 Grupp ta' Ħidma dwar it-Tilqim/il-Ġappun; Tajers/l-Indja, iċ-Ċina u l-Indonesja; Apparati tal-Mediċina/l-Indja, iċ-Ċina, il-Korea, it-Tajwan, il-Brażil, it-Turkija; ICT/it-Turkija u ċ-Ċina.

dwar l-inforzar mid-Dwana tal-IPR se jkun iffirmat maċ-Ċina minn hawn u ftit ieħor. Il-kooperazzjoni bilaterali mal-Istati Uniti dwar l-inforzar tal-IPR se titkompla wkoll. Sabiex jiġi żgurat aċċess aħjar għall-GIs (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) Ewropej, qed nesploraw il-possibbilità ta' produzzjoni ta' GI għall-prodotti mhux agrikoli bħala tweġiba għat-talba ta' pajjiż terz bħalma hu l-Indja.

- L-aċċess għas-suq tal-**kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs)** kif iddefinit fl-Att dwar in-Negozji Żgħar (SBA)[23], inkluża assistenza speċjali biex tgħin ħalli jiġu akkwistati u mnaqqsin l-ispejjeż biex tinkiseb informazzjoni dwar ambjent regolatorju, legali u kulturali ta' swieq potenzjali ta' esportazzjoni.

L-UE teħtieġ tuża l-piż ekonomiku tagħha u tagħti l-impetu lir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħha mal-ekonomiji prinċipali dinjin. Jeħtieġ navvanzaw aktar fl-insiġ flimkien tar-relazzjonijiet kummerċjali, regolatorji u b'mod ġenerali ekonomiċi tagħha. Filwaqt li ma jeżistix mudell uniku għar-relazzjonijiet tagħna mas-soċji tagħna kollha, l-UE għandha ssib modi aħjar biex jiġu kkoordinati d-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki tagħna u biex niġu involuti fi djalogi komprensivi mas-soċji prinċipali tagħna. F'dan il-kuntest għandna nikkunsidraw ukoll kif l-aħjar tiġi promossa aġenda ta' ħidma deċenti miftiehma b'mod internazzjonali u standards bażiċi ta' ħidma.

Il-prinċipji li ġejjin għandhom jiggwidaw l-attivitajiet tal-ġejjieni tal-UE:

(1) **Approwċ ikkoordinat**

L-isforzi kollha biex jittejjeb l-aċċess għas-suq u l-opportunitajiet ta' esportazzjonijiet għall-kummerċ Ewropew, u kwistjonijiet oħra relatati mal-kooperazzjoni u l-konverġenza regolatorja għandhom ikunu kkoordinati u konnessi b'mod ċar mal-aġenda għall-kompetittività esterna. L-isforzi għandhom ikunu ffokati tajjeb u mmexxija b'mod xieraq, billi jsir l-aħjar użu mill-istrumenti disponibbli, aktar milli mid-diskussjonijiet iżolati *ad hoc* dwar ċerti oqsma mas-soċji tagħna. Jeħtieġ li tiġi żgurata superviżjoni politika tal-proċess mas-soċji l-aktar importanti tal-UE. L-Istrateġija għall-Aċċess tas-Swieq hi qafas importanti għal din il-koordinazzjoni.

(2) **Iffissar tal-prijoritajiet**

Il-prijoritizzazzjoni hi fattur kritku: L-indirizzar tal-ostakoli għall-kummerċ, tkun xi tkun in-natura tagħhom, jiħtieġ riżorsi intensivi. Jiħtiġilna niżguraw li l-isforzi tal-UE għas-swieq miftuħa u l-kooperazzjoni dwar ir-regolamenti jkollhom impatt reali, sostenibbli, u ekonomiku u li jkunu jistgħu jitwettqu f'limitu taż-żmien raġonevoli. Għandha tingħata prijorità lis-soċji, is-setturi u l-politiki fejn jinsab interess ekonomiku qawwi, kemm attwali jew potenzjali. L-għan politiku usa' tal-UE ta' integrazzjoni ekonomika mal-ġirien tagħha jfisser li l-impenn ma' dawn il-pajjiżi se jkun ukoll prijorità.

(3) **Smigħ tal-partijiet interessati**

Il-partenarjat imsaħħaħ bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-kummerċ fil-qafas tal-Istrateġija għall-Aċċess tas-Suq wera li kien effettiv ħafna. Din is-saħħa għandha

[23] COM(2008) 394, 25..6.2008.

tgħaddi lill-aspetti kollha tal-aċċess tas-suq u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorji. Il-koordinazzjoni li tiġi minn fuq fil-Partenarjat u minn pajjiżi terzi se tkun essenzjali biex ikun hemm approwċ proattiv ħalli jiġu evitati u jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ.

(4) **Utilizzazzjoni sħiħa tal-firxa ta' strumenti**

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-soċji kummerċjali prinċipali tagħha jkopru firxa wiesgħa ta' diversi interazzjonijiet. Sa issa dawn tmexxew ta' spiss b'mod indipendenti minn xulxin, u dan jagħmilha aktar diffiċili li jiġi vvalutat l-bilanċ tal-benefiċċji. Il-KE għandha tħares, fil-ġejjieni, lejn l-oqsma fejn is-soċji tagħna jibbenefikaw mill-kooperazzjoni mal-UE, pereżempju fil-programmi ta' riċerka u żvilupp, filwaqt li jinżammu ostakoli sinifikanti għall-kummerċ tal-UE. Jeħtiġilna nużaw l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħna b'mod iffokat u koerenti, biex intejbu l-opportunitajiet għall-esportazzjoni għall-esportaturi Ewropej u biex jitjieb il-qafas regolatorju dinji.

5. KONKLUŻJONI

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li jiġu żgurati opportunitajiet akbar għall-kummerċ tal-UE f'pajjiżi terzi u jiġbru flimkien il-politiki esterni u interni.

Dan hu wkoll l-ewwel rapport ta' kull sena dwar l-aċċess għas-swieq, li jikkunsidra l-ostakoli eżistenti sinifikanti. It-tneħħija b'suċċess ta' ostakoli se jiħtiġilha tlissin assertiv tal-interess kummerċjali Ewropew b'vuċi waħda. Is-suċċess tal-azzjonijiet tal-UE se jkompli jiddipendi ferm ħafna fuq l-impenn serju tal-partijiet interessati.

It-tweġiba għall-ostakoli kummerċjali għandha tkun koerenti u mmirata. L-UE għandha strumenti differenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tegħleb l-ostakoli kummerċjali u biex tippromwovi konverġenza regolatorja. Hi teħtieġ li tuża l-istrumenti tagħha kollha b'mod strateġiku u li tiżgura li jkun hemm aġenda għall-politika esterna aktar integrata, li tippermetti l-kompromessi u s-soluzzjonijiet vantaġġużi għal kulħadd. Il-Kummissjoni se tiżgura l-isfruttar sħiħ tal-potenzjal ta' kooperazzjoni regolatorja biex tantiċipa l-isfidi kummerċjali u biex tiżgura kooperazzjoni benefiċjali reċiproka fi stadji bikrija tal-proċess leġiżlattiv. Lil hinn mill-aċċess tas-suq, il-kooperazzjoni regolatorja toffri aktar benefiċċji fl-oqsma bħal dawk tal-protezzjoni tal-konsumaturi, it-titjib tal-istandards ambjentali, it-titjib tal-bażi ta' evidenza biex titfassal leġiżlazzjoni u t-tnaqqis tal-ispiża biex isir il-kummerċ.

Din il-Komunikazzjoni tiddefinixxi modi biex jitneħħew ostakoli regolatorji u biex jiżdied l-aċċess għas-swieq, biex jinħolqu l-iżvilupp u l-impjiegi. Il-Kummissjoni se tkompli b'dawn l-għanijiet b'mod attiv fl-2009, inkluż b'riflessjoni kif tista' tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni regolatorja. Dawn l-isforzi se jimxu id f'id ma' aktar żvilupp tal-Istrateġija ta' Liżbona għall-Iżvilupp u l-Impjiegi wara l-2010.